**IT-TIENI PARTI**
**IT-TIENI SEZZJONI**
**APPELLI KUMMERĊJALI**

**4 ta' Mejju, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. - Aġent President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Av. Dottor Albert Ganado

*versus*

Av. Dottor Carmelo Mifsud Bonnici *noe*

**Titolu Esekuttiv - Kuntratt Pubbliku ta' Kostituzzjoni ta' Debitu li Huwa Ċert, Likwidu u Skadut - Artikolu 25 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Awtorizzazzjoni Sabiex Jiġi Esegwit Titolu Esekuttiv illi ilu Aktar Minn (Kif Kienet il-Liġi dak iż-Żmien) Tliet Snin - Nullità - Nullità Relattiva Assoluta - Nullità Relattiva - Nullità *Ipso Iure* - Annullabilità**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-Ewwel Qorti li awtorizzat l-esekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku bħala titolu esekuttiv wara d-dekors kif kien it-terminu allura ta' tliet snin. Ġiet miċħuda eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kunsens regolari u li s-soċjetà konvenuta ma kinitx regolarment rappreżentata, in kwantu estraneji. Saret ukoll riferenza għad-distinzjoni li dejjem ġiet*

*ritenuta minn dawn il-Qrati u fejn huwa kaz ta' eċċezzjoni ta'' annullabilità, din ma tistax titqajjem* per via di eccezione *izda b'istanza separata.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni li permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. John Micallef Trigona, fid-9 ta' Marzu, 1973, is-soċjetà konvenuta kkostitwit ruħha debitriċi ta' l-attur fis-somma ta' ħmistax-il elf lira, mitejn u seba' liri Maltin (Lm15,270), kif jidher mill-kopja fotostatika hemm annessa mmarkata dokument A, bl-imgħax tat-tmienja fil-mija; premess li għaddew iktar minn tliet snin mill-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi kuntratt u l-attur jixtieq ikun f'posizzjoni li jesegwixxi l-kuntratt skond il-bżonn għall-ħlas ta' dak li hu dovut; talab li l-attur jiġi minn dik il-Qorti awtorizzat jesegwixxi l-imsemmi kuntratt nonostante li għaddew tliet snin mill-pubblikazzjoni tiegħu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u l-elenku taddokumenti ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li eċċepixxa illi t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż peress li l-kuntratt *de quo* huwa vizzjat għaliex (a) mhux minnu dak li fih jingħad, (b) l-ammont *de quo* ma kienx jikkostitwixxi dejn tal-kumpannija konvenuta ċert, likwidu u li għalaq; (ċ) il-kunsens tal-kumpannija konvenuta ma kienx mogħti regolarment, u (d) hija ma kinitx validament rappreżentata;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut

*nomine*;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Jannar, 1980 li biha laqgħet it-talba ta' l-attur, salv kull dritt tal-konvenut *nomine* fil-mument li l-attur jgħaddi għall-esekuzzjoni tal-kuntratt *de quo* - bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine* u dan wara li dik il-Qorti:

Rat il-verbal tas-27 ta' Ġunju, 1979 li permezz tiegħu l-attur talab li l-kawża tibqa' differita għas-sentenza fil-meritu peress li f'kawża bħal din il-Qorti għandha tinvestiga biss jekk il-kreditu jew xi parti minnu għadux dovut u kwalunkwe kwistjoni oħra tezola mill-kawża u ma għandha bl-ebda mod tintralċja d-drittijiet tal-kreditur. Issottometta ukoll l-attur illi nonostante li l-kawża kien ilha pendenti mill-15 ta' Diċembru, 1977, il-konvenut ma istitwixxa l-ebda proċeduri biex jimpunja b'azzjoni *ad hoc* il-kuntratt in kwistjoni;

Permezz ta' l-istess verbal il-konvenut *nomine* talab li jkompli jtella' l-provi dwar l-eċċezzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob li jiġi awtorizzat jesegwixxi l-kuntratt tad-9 ta' Marzu, 1973, fl-atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona, peress li għaddew iktar minn tliet snin mill-pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratt;

B'dan l-imsemmi kuntratt, li huwa wieħed mit-titoli esekuttivi msemmija fl-artikolu 251 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-kumpannija konvenuta kienet ikkostitwiet ruħha debitriċi ta' l-attur fis-somma hemm imsemmija u għar-raġunijiet hemm indikati;

M'hemmx dubbju, għalhekk, li l-attur għandu titolu esekuttiv li kien jista' jgħaddi għall-esekuzzjoni tiegħu, kieku ma kienx hemm l-ostakolu tad-dekorriment ta' tliet snin, bla ma kellu bżonn l-ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti - salv naturalment, li l-kreditu jkun jirriżulta skond il-liġi meta l-kreditur jgħaddi għall-esekuzzjoni;

Jidher għalhekk, li kullma għandha tagħmel il-Qorti, f'ġudizzju bħal dan, huwa li tissodisfa ruħha mill-esistenza tat-titolu esekuttiv u tal-kreditu ta' l-attur kif jirriżulta minn dak it-titolu - dak li f'dan il-każ indubbjament jirriżulta kull kwistjoni oħra, bħal dawk issollevati mill-konvenut *nomine* fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, hija estranea għall-każ, salv id-dritt ta' l-istess konvenut li jġib 'il quddiem dawn l-eċċezzjonijiet fil-mument opportun;

It-talba attriċi, għalhekk, jidher li hija fondata u għandha tiġi akkolta;

Rat a fol. 37 tal-proċess in-nota ta' l-appell tal-konvenut *nomine* u a fol. 38 u 39 *il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha* talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeċidi minflok illi l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-appellanti *nomine* għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni u li għandha tiġi permessa l-produzzjoni ta' provi in sostenn tagħhom - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat a fol. 42 tal-proċess ir-risposta ta' l-attur appellat li

permezz tagħha a bażi tar-raġunijiet fiha kontenuti talab il-konferma tas-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut *nomine* appellant;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi t-teżi prinċipali tal-konvenut *nomine* appellant hi li la darba l-validità tal-kuntratt hija kkontestat, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tkompli taċċetta bħala fatt illi l-kuntratt *de quo* kien titolu esekuttiv. Oltre dan l-istess appellant *nomine* jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat it-talba tiegħu li jipproduċi l-provi in sostenn ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu mingħajr ma ddeċidietha espressament. Fl-aħħarnett l-istess Qorti lanqas ma rrespinġiet l-istess eċċezzjonijiet tiegħu iżda ddikjarat biss li huma estraneji għall-każ;

Ikkunsidrat:

Illi wara li ħasbet fit-tul fuq l-aggravji ta' l-appellant *nomine* din il-Qorti hi tal-fehma illi s-sentenza appellata jistħoqqilha konferma *in toto* u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi, essenzjalment l-istanza attriċi ma tammontax għall-azzjoni biex jiġi esegwit il-kuntratt *de quo* imma biss għall-azzjoni biex jiġi awtorizzat mill-Qorti jesegwixxi kuntratt minħabba li ddekorrew aktar minn tliet snin mill-pubblikazzjoni tiegħu. F'termini oħra l-attur appellat għandu titolu esekuttiv li indipendentement mill-validità tiegħu o meno ma jistax jiġi esegwit ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti u għalhekk f'dan l-

istadju sewwa rrilevat l-Ewwel Onorabbli Qorti illi kwistjonijiet bħal dawk issollevati in linea ta' eċċezzjoni mill-konvenut *nomine* huma estraneji. Jista' jkollhom l-importanza tagħhom fl-istadju ta' l-esekuzzjoni imma mhux f'dan l-istadju;

Ma' dan jista' jiġi ribadit ukoll dak li dejjem ġie ritenut minn dawn il-Qrati u ċjoè li wieħed għandu jiddistingwi bejn dik li hi nullità assoluta u nullità *ipso iure* u dik li hi annullabilità u hu saput li trattandosi ta' annullabilità bħalma hu evidentement il-każ preżenti l-istess ma tistax tiġi ssollevata per via di eċċezzjoni iżda b'istanza separata;

Oltre dan jingħad ukoll li la din il-Qorti kif lanqas l-Ewwel waħda ma ġew f'xi ħin aditi biex jordnaw l-esekuzzjoni tal-kuntratt *de quo* u għalhekk f'dan is-sens u fuq ir-raġonamenti li ngħataw aktar il-fuq, l-istess eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* appellant huma kompletament barra minn lokhom;

Għal dawn il-motivi għalhekk tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a kariku tal-konvenut *nomine* appellant.